MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA MALTA

## ONOR. IMHALLEF MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 27 ta' Settembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2170/2000/1

**Carmelo MIFSUD**

**vs**

**Joseph u Carmen konjuġi D'AMATO**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Settembru, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi fl-1998 l-attur silef lill-konvenuti brevi manu s-somma komplessiva ta' elf disa' mija u ħamsa u erbgħin lira maltija (Lm1945.00);

Illi minn dan l-ammont il-konvenuti kull ma ħallsu hija s-somma ta' tlett mitt lira maltija (Lm300) u kwindi fadal bilanċ ta' elf sitt mija ħamsa u erbgħin lira maltija (Lm1645.00);

Illi l-konvenuti għalkemm mitluba biex iħallsu dan l-ammont, li llum huwa dovut skond il-liġi u abbazi ta' kull ftehim li kellhom il-kontendenti baqgħu inadempjenti u dan kif se jiġi pprovat fil-kors tal-kawża;

Illi għalhekk l-ammont ta' elf sitt mija u ħamsa u erbgħin lira maltija (Lm1645.00) huwa dovut fl-intier tiegħu mill-konvenuti lill-attur;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-raġunijiet fuq imsemmija u prevja kull dikjarazzjoni opportuna u meħtieġa:

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew lil min minnhom debituri tal-atturi fis-somma ta' elf sitt mija u ħamsa u erbgħin liri maltija (Lm1645.00); u

2. Sussegwentement tikkundannahom iħallsu lill-atturi s-somma ta' elf sitt mija u ħamsa u erbgħin lira maltija (Lm1645.00) bl-imgħaxijiet legali ta' 8% sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż u bil-konvenuti minn issa ngunti għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat in-Nota mressqa fit-2 t'April, 2001, li biha l-imħarrkin miżżewġin D'Amato eċċepew:

Illi preliminarjament in-*ne bis in idem* stante li bejn il-kontendenti u fuq l-istess mertu diga ingħatat setenza minn din il-Qorti fid-19 ta' Mejju 2000;

Illi preliminarjament ukoll il-gudizzju mhux integru stante illi din l-azzjoni kellha tiġi inizzjata mill-konjuġi Mifsud flimkien;
Illi preliminarjament ukoll l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante illi l-kontedenti kienu ftehmu illi s-somma in kwistjoni titħallas mill-konvenuti f'pagamenti mensili ta' Lm50;

Illi bla pregudizzju u fil-mertu, s-somma pretiza hija esagerata;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-16 ta' Mejju, 2001[1], li matulu l-avukat tal-imħarrkin talab żmien biex jirregola ruħu dwar jekk il-klijenti tiegħu għadhomx jinsistu dwar l-ewwel eċċezzjoni tagħhom tal-ġudikat, dwar liema eċċezzjoni, sallum, l-imħarrkin għadhom ma għamlu l-ebda dikjarazzjoni formali;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-28 ta' Ġunju, 2001,[2] li matulu l-attur naqqas it-talba tiegħu billi kien irċieva ħlas akkont matul Iż-żmien li kienet għaddejja l-kawża;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet, u kif ukoll id-dokumenti mressqin minnhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tas-7 ta' Novembru, 2001, tat-8 ta' Frar, 2002, u tal-25 t'April, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-intempestivita' mqanqla mill-imħarrkin miżżewġin d'Amato;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għar-radd lura ta' flus mislufin minn fuq l-idejn (*brevi manu*) mill-attur lill-imħarrkin fl-1998;

Illi għal din it-talba, l-imħarrkin laqgħu billi eċċepew il-ġudikat, in-nuqqas ta' ġudizzju sħiħ, l-intempestivita' u, fil-mertu, li l-ammont mitlub huwa eżaġerat;

Illi din is-sentenza tqis biss it-tielet eċċezzjoni, li hija waħda ta' natura dilatorja u li għandha titqajjem fil-bidu tal-

[1] Pa[. 15 tal-pro`ess
[2] Pa[. 17 tal-pro`ess

kawża, kif sewwasew għamlu l-imħarrkin miżżewġin D'Amato f'din[3];

Illi l-imħarrkin isejsu din l-eċċezzjoni tagħhom billi jgħidu li meta ssellfu l-flus mingħand l-attur, kien hemm ftehim li s-somma kellha tintraddd lura f'pagamenti ta' ħamsin lira (Lm 50) kull xahar: allura, sallum, skond dak il-ftehim, l-attur ma għandux jedd jippretendi li huma jħallsuh is-somma kollha f'daqqa. L-attur, min-naħa tiegħu, jiċħad li kien hemm kondizzjoni bħal din meta ġew misselfa l-flus;

Illi għalhekk, il-Qorti trid tqis x'jirriżultalha mill-atti tal-kawża biex tkun tista' tqis l-eċċezzjoni taħt eżami, u limitatament għal dan il-għan tħares lejn ix-xhieda li tressqet mill-partijiet, ukoll minħabba l-fatt li ma jidhirx li saret kitba bejn l-istess partijiet meta sar is-self;
Illi m'hemmx għalfejn jingħad li f'dan il-każ il-piż tal-prova jaqa' fuq l-imħarrkin fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor*, u huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[4];

Illi l-attur jgħid li huwa silef b'kollox lill-imħarrkin Lm 1945, f'iżjed minn ċirkostanza waħda matul Lulju tal-1998 bil-fehma li dawn jintraddu lura sat-23 t'Ottubru, 1998[5], f'somma waħda u mhux bi ħlasijiet b'rati. Billi dawn ħallsu lura biss Lm 300 minnhom, talabhom iroddulu lura l-bqija, u, minħabba li naqsu li jagħmlu dan, ħarrikhom;

Illi l-imħarrkin jgħidu[6] li s-somma misselfa kienet ta' sittax-il mitt lira (Lm 1600) u mhux kemm qiegħed jgħid l-attur, u li dan l-ammont fi flus kontanti għadda f'idejhom b'kollox f'aktar minn okkażjoni waħda. Seħqu li kien hemm ftehim li l-ħlas lura kellu jsir bi ħlasijiet kull xahar ta' Lm 50 l-waħda;

Illi minn dan kollu jista' jingħad li l-fatt waħdu li ż-żewġ naħat jaqblu dwaru hu li, f'xi waqt, kien sar self. Lanqas fuq l-ammont misluf m'hemm qbil, imma dan huwa aspett

---

[3] Ara Kumm. **28.5.1965** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Spiteri vs Ellul*** (Kollez. Vol: **XLIX.iii.1161**)
[4] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ricci vs Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)
[5] Ara xhieda tal-attur 28.6.2001, f'pa[. 18 tal-pro`ess
[6] Ara xhieda tal-im]arrek 28.6.2001, f'pa[[. 20-1 tal-pro`ess

li jolqot il-mertu u mhux lill-eċċezzjoni taħt eżami. Il-qbil tal-eżistenza tas-self joħroġ mill-fatt li l-imħarrkin jallegaw li kellhom iħallsu b'rati u bil-fatt li għamlu ħlasijiet akkont. Għajr għall-ħlas li sar matul iż-żmien li l-kawża kienet għaddejja, ma ntweriex kif saru l-ħlasijiet ta' qabel;

Illi fl-istadju li għadha waslet fih din il-kawża u mill-provi li tressqu quddiem il-Qorti, ikollu jingħad li l-imħarrkin ma seħħilhomx jippruvaw fi grad meħtieġ l-eċċezzjoni tagħhom. Dan jingħad mhux biss għaliex il-verżjoni tagħhom hija għal kollox miċħuda mill-attur, imma għaliex biċ-ċaħda tiegħu, xejjen l-eżistenza ta' kull ftehim f'dan ir-rigward. Il-Qorti m'għandhiex raġuni għaliex tilqa' verżjoni waħda bi preferenza għall-oħra, jew li twarrab stqarrija minn oħra: bl-effett li ladarba l-piż tal-prova kien fuq l-imħarrkin, ikollu jingħad li fl-atti tal-kawża m'hemm l-ebda korroborazzjoni għat-teżi tagħhom;

Illi, minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestivita' huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġl salvata jekk dan huwa possibbli. B'żieda ma' dan, huwa wisq possibbli li, f'obbligazzjoni bħalma hu l-mutwu li jifforma l-qalba tal-kwestjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża, u meta l-kawża ilha diġa' qrib sentejn li nfetħet, jidħlu fis-seħħ ir-regoli tal-*Jus Superveniens*[7];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni** tal-imħarrkin miżżewġin D'Amato bl-ispejjeż kontra tagħhom,

u **tordna** li l-kawża tissokta bis-smigħ u trattazzjoni.

**Moqrija**

---

[7] Ara P.A. **7.10.1964** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Muscat vs Valenzia noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.1177**)

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**27 ta' Settembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**27 ta' Settembru, 2002**